**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 276/16CSH**

**J. Zammit Ltd. (C37945)**

**Vs**

**Timothy Agius (290889M)**

**Illum 8 ta' Frar 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Novembru, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef tliet mija w erbghin Ewro (€5340) rapprezentanti somma dovuta ghall-bejgh ta' vettura Smart for two bit-targa GBQ116, illi nxtrat permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase* fit-23 ta' Awwissu 2013 bejn l-attur u l-intimati. Illi l-intimat falla 'l fuq minn tliet hlasijiet ta' dan il-kuntratt ghalhekk irid ihallas il-bilanc kollu b'mod immedjat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi il-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal Marco Bonnici datata 6 ta' Jannar 2017 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 5 tergo).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx, biex jikkontesta t-talba attrici u ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-18 ta' Jannar 2017.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef tliet mija w erbghin Ewro (€5340) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skont il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur